# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru ħamsa u tmenin (85) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet nhar it-8 ta' Novembru, 2011 fis-6:35pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsillier Grace Marie Mallia ċemplet lis-SE nhar it-8 ta' Novembru, fil-għodu u talbet lil KLM jiskużaha kif fil-fatt għamel għaliex ma setgħetx tlaħħaq tiġi għal din il-laqgħa minħabba xogħol. Charles Farrugia ċempel ukoll u kien skużat.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu distribwiti b'*e-mail* mis-SE mal-agenda kif ukoll ir-rapport finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena 2011, nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Novembru, 2011, u dawn ġew approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet li jidhru fuq il-kopja oriġinali.

Punti mill-Minuti:

4. Is-Sindku qal illi propju llum tlestiet parti oħra bil-konkos iddiżinjat (*patterned concrete*) mill-isqaqien u minn Triq il-Fjuri, u issa l-kuntrattur wasal fil-fażi fejn se tibda l-parti l-wiesgħa tat-triq. Intant Sqaq il-Blanzuni lest mill-infrastruttura u għalhekk hu ttamat illi sal-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla jkun magħluq mix-xogħol u jkun fadal il-biċċa l-wiesgħa li se ssir bit-tarmak peress li jidħlu fuqha l-vetturi. Intant, illum is-SE skopra li l-permess numru 1435/11 biex isir ix-xogħol minn Asfaltar Ltd fi Triq iż-Żurrieq, Triq is-Saljatura, parti mis-*Service Road* fi Triq il-Konvoj ta' Sta Marija, Triq il-Murselli u Triq Ħal Kirkop, infetaħ propju l-bieraħ, 7 ta' Novembru, 2011 u qed iduru l-entitajiet kollha biex jagħtu l-*feedback* tagħhom. Is-Sindku qal li madankollu ix-xogħol fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti se jkun imħolli għall-aħħar peress li jista' jkun hemm il-possibilta' ta' *overlapping* tax-xogħol fil-programm tat-tarmak (proġett pilota), ma dak ta' Miżura 313. Is-Sindku żied jgħid illi propju għada fil-għodu, l-KLM organizza laqgħa mal-entitajiet kollha (co-ordination meeting) dwar dan il-proġett biex hekk kif jagħtuna l-*go-ahead* mill-*Paying Agency*, Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, nkunu nistgħu nibdew ix-xogħol propju biex intejbu l-prodott turistiku, quddiem il-katakombi tal-Mentna. Dwar dawn ix-xogħlijiet diġa' ħriġna il-*letter of intent* lil kuntrattur fuq parir tal-Perit Bezzina f'laqgħa oħra informali li saret xi jien ilu fl-uffiċċju tagħna bejn il-KLM u l-kuntrattur, Schembri Barbros.

5. Dwar ix-xogħol tal-*Electrical u IT changeover* fl-uffiċini tal-KLM, is-Sindku qal li minkejja li issa ilu għaddej ħmistax-il ġurnata, hu ttamat li sa nhar is-Sibt li ġej jitlesta kollu għajr il-*lighting units* li jridu jiġu diskussi aktar tard waqt li tkun ikkunsidrata l-Payment Approval Sheet, peress li hemm stima minn fornitur lokali u għalhekk għadhom mhux ordnati minn barra minn Malta. Madankollu, kif ukoll setgħu jaraw il-kunsillieri preżenti, il-ħaddiema tal-kuntrattur *Alberta Fire and Security*, għaddew it-*trunking* u jinsabu għaddejjin biex jgħaddu l-*wires* fil-kmamar. Il-proġett hu intenzjonat illi joffri faċilita' biex jaħdmu l-ħaddiema fl-uffiċini fi kmamar għolja ta' binja skedata għall-importanza tagħha mingħajr ma ssir ħsara fuq l-istruttura kif ukoll biex toktor is-sigurta'.

6. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni ta' skema lokali biex ittejjeb il-qagħada tal-bandli (playing fields). Hu qal illi l-istima tal-perit telgħet sa €40,033.40 minkejja li l-massimu li l-KLM jista' jibbenefika minn din l-iskema huwa ta' €25,000. Madankollu wieħed jista' jistudja kif inaqqas din l-ispiża billi jutilizza l-ħaddiema tal-*IPSL* u l-*Community Works Scheme*. Għalhekk, f'każ li

nikkwalifikaw minn din l-iskema, ħafna mix-xogħol se jkun iffrankat mill-kuntrattur u l-fondi se jmorru kważi kollha f'materja prima, inkluż il-logħob ġdid tat-tfal/żgħażagħ li għad irid jinxtara wara li toħroġ sejħa għall-offerti.

7. Id-diskussjoni fil-punti mill-minuti kompliet tissemma' minn Nicholas Briffa rigward il-kumpanija Arriva Malta. Dan għaliex illum stess is-Sindku għan-nom tal-KLM ħareġ stqarrija pubblika għall-Istampa u x-Xandir fejn faħħar it-titjib fis-servizz. Madankollu kien identifikat illi l-bieraħ, 7 ta' Novembru, 2011 kien hemm żewġ xarabankijiet li nieqsa fil-venda tal-Belt Valletta (lejn l-Imqabba) bin-numru 72. Nicholas Briffa qal li kieku stennejna minn fil-għodu sa fil-għaxija (fl-istess ġurnta) ma kien se jiġri xejn u l-kunsillieri kienu jingħataw iċ-ċans jiddiskutu u din il-materja titressaq Kunsill qabel ma toħroġ l-istqarrija, minkejja li Nicholas Briffa qal li ma kien hemm xejn kontroversjali fiha. Is-Sindku qal illi din kienet tikkonċerna it-tibdil tar-rotot li fil-fatt verament seħħ għal ġid tal-Imqabbin u hu minn naħa tiegħu waħħal *site plan* bir-rotot il-ġodda ma kull bus-shelter. Qal ukoll illi talab lill-Kappillan tal-Parroċċa sabiex jagħmel dawn l-avviżi tat-tibdil fir-rotot biex jgħidhom minn fuq l-artal, iżda l-Kappillan ma xtaqx jagħmel dan l-avviż. Nicholas Briffa qal illi peress li din il-kwistjoni kienet għad-diskussjoni sħuna taż-żewġ partiti politiċi f'pajjiżna, hu jifhem il-każ.

8. Dwar il-kaptelli li huma perikolużi fi ġnien Mikelanġ Sapiano, Nicholas Briffa qal illi dawn jinsabu flok il-*cabinet* li tneħħa dan l-aħħar mill-kumpanija *Go plc.* Dan il-*cabinet* kien eżattament f'kantuniera u issa minn floku tpoġġew żewġ *cabinets* oħra ġodda ftit 'il bogħod.

9. Is-Sindku semma' l-ittra ta' *default* li ntbagħtet mill-uffiċċju wara l-laqgħa li għaddiet, lill-kuntrattur *Asfaltar Ltd*, u kopja tagħha lil Perit Bezzina dwar il-magħqad tal-ilma li qed joqgħod bl-ilma tax-xita fi Triq il-Mitħna kantuniera ma Pjazza Missjoni ż-Żgħira. Il-KLM qed jesiġi li din il-parti terġa' tinqala' mill-ġdid u jingħata lant ta' tarmak ieħor biex l-ilma joħroġ (jaqleb) 'il barra.

10. Dwar il-każ tat-tnaqqis mill-Allokazzjoni Governattiva, l-uffiċċju għamel oġġezzjoni kemm mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, li daħlet bħala medjatur, minħabba li mhux veru li l-KLM dam ma ssottometta l-Financial Statements tas-sena 2000. Is-SE qal li dawn ma ġewx aċċettati mill-kumpanija Grant Thornton minkejja l-involviment u l-impenn tal-*Accountant* tal-KLM.

11. Il-KLM bagħat ittra lil bidwi, fejn ma sab l-ebda' oġġezzjoni (fl-aħħar laqgħa tal-KLM) biex is-siġar li tħawwlu mir-residenti fi Triq il-Familja Brancati jinqalgħu minn hemm u jitħawwlu xi mkien ieħor. Dan għaliex il-MEPA wkoll ivverifikat illi qed ikissru l-ħajt tal-għalqa tal-bidwi u hemm ċans li dan jirrendi ruħu bħala perikoluż għall-pubbliku.

Aġenda:

12. Il-KLM approva t-*3rd Quarterly Financial Report* li kien distribwit mal-agenda ta' din il-laqgħa mis-SE permezz ta' *e-mail.* Nicholas Briffa qal li t-*template* provduta mid-Dipartiment Gvern Lokali ma turix eżattament il-qagħda finanzjarja tal-KLM. Dan għaliex ma jagħmilx sens li d-*deficit* joħroġ jekk ikunu mnaqqsa saħansitra l-ispejjeż kapitali skond il-kalkulazzjonijiet li tagħmel l-istess *template* b'mod awtomatiku. Nicholas Briffa xtaq kopja tal-*Balance sheet* u *Profit & Loss Account* sa Settembru 2011 kif ukoll lista ta' kredituri u l-bilanċi tal-banek. Dwar din tal-aħħar is-SE qal li diġa' huma murija fl-istess *template.*

13. Il-KLM iddiskuta l-attivitajiet tal-Milied. Hawn kien deċiż illi jsiru dawk l-attivitajiet li saru fis-snin l-imgħoddija kif ukoll inżidu attivita' oħra għal kulħadd bi żjara li se ssir lil presepji fi rħula oħra. Is-Sindku qal li l-Għaqda Ħbieb tal-Presepji jista' jkollha xi idejat bi presepji innovattivi li tista' tindikalna. Waqt din iż-żjara li t-trasport se jkun qed jitħallas mill-KLM, dawk li se jiġu magħna se jkunu mistiedna jieħdu kafe' f'xi *Restaurant/Bar.* Kien deċiż illi l-ħarġa ssir nhar il-21 ta' Diċembru, 2011 fl-4.30pm.

14. Se ssir viżita mill-kunsillieri lill-anzjani rikoverati fl-Isptar San Vinċenz de Paule nhar id-19 ta' Diċembru, 2011 fl-4:00pm. Kien deċiż ukoll li lil dawn l-anzjani jingħatalhom *hamper* żgħir magħmul minn frott. Is-SE se jikteb lis-Supritendent ta' din ir-residenza sabiex niġu mogħtija l-ismijiet ta' dawn ir-residenti mqabbin rikoverati f'dan il-post.

15. Iż-żjara mill-kunsillieri lil dawk ir-residenti rikoverati fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin se ssir nhar il-5 ta' Diċembru, 2011 fil-5:00pm.

16. Il-*party* tat-tfal tal-KLM se jsir fis-Sala tal-Iskola Primarja tal-Imqabba nhar is-Sibt, 17 ta' Diċembru, 2011 fil-għodu. Is-Sindku qal illi se nippruvaw insibu *sponsors* sabiex inkunu nistgħu niffinanzjaw l-ispejjeż. F'dawn il-ġranet irid ukoll isir il-*Quiz* għat-tfal li ssoltu jsir fil-ġimgħa mqabbija.

17. Se niktbu lis-Soċjeta' Mużikali Madonna tal-Ġilju sabiex nawtorizzawhom jarmaw it-tiżjin tal-Milied fil-Pjazza tal-Knisja. Is-SE kien awtorizzat ukoll sabiex japplika għall-provista tal-elettriku biex jinxtgħelu dawn id-dwal dekorattivi billi tkun installata l-kaxxa tal-*meter*.

18. Dwar id-donazzjoni li se tingħata lil *Malta Community Chest Fund,* se naraw x'inġabar s'issa mid-donazzjonijiet mill-pubbliku fit-tombli li kienu organizzati f'Għawdex, dawk li rċevejna meta kienet organizzata l-Imqabba mal-Medda taż-Żmien 2011 u il-mixja li se ssir biex nippromwovu l-eżerċizzju u l-*Heritage Trail* li ħoloq l-istess KLM. Din infatti se ssir nhar il-Ħadd, 4 ta' Diċembru, 2011 fil-11:00am u t-tluq se jsir minn quddiem il-Knisja u jingħataw ktejjeb tal-*Heritage Walks* għal €5:00.

19. Nhar is-26 ta' Diċembru, 2011, fis-6:30pm, ġewwa l-Isptar il-Qadim, se jkun organizzat ir-*reception* tal-għaqdiet. Dan isir kull sena bħala rikonoxximent lejn is-sehem volontarju li jagħtu minn qalbhom.

20. Intant is-Sindku fakkar lil kulħadd sabiex jissottometti l-artiklu tal-fuljett għaliex din il-ħarġa trid titqassam bejn it-12 u s-16 ta' Diċembru, 2011 u fih se jkun hemm elenku ta' dawn l-attivitajiet kollha minkejja li s-SE kien imħeġġeġ idaħħalhom fuq il-*calendar* tal-*e-mail.*

21. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti 425 minbarra item 3, li kien jikkonsisti f'bukkett fjuri li suppost kellu jitqiegħed fiċ-ċimiterju dak in-nhar li saret il-quddiesa tal-erwieħ kollha. Intant dwar il-pagament lil *Denfar Concrete Supplies*, is-SE qal li tajjeb li noħorġu il-kuntratt tal-manutenzjoni tat-toroq għaliex se nkunu qed naqbżu t-treshold, peress li matul din is-sena dan il-fornitur kien inkarigat inaddaf ħafna toroq rurali u ma konniex nafu kemm kienet ġejja l-ispiża. Dan intqal fil-konfront ta' item 6 fejn qed tkun proposta kurdina għal bankina ġdida fi Triq il-Katakombi dawra mejt ma binja li saret dan l-aħħar. Is-Sindku qal li x-xogħol se jsir minn sid din il-binja stess għas-spejjeż tiegħu.

Punti Oħra:

22. Is-Sindku qal li sab benefattur li se jirregalalna għatu maħdum minn ġebla żonqrija antika li aktarx kien wieħed ta' *silo* tal-qamħ. Din l-għotja hu mistenni li titpoġġa fl-Isptar il-Qadim.

23. Dwar manutenzjoni bil-*patterned concrete*, issemma' Sqaq il-Lanġasa fejn hemm problema tal-ilma tax-xita biex nippruvaw insolvu dan il-magħqad. Is-Sindku qal li hemm bżonn isiru dawn irqajja' ta' konkos li tkisser b'*reinstatement* ħażin mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fuq ħsarat li seħħew matul iż-żmien.

24. Is-Sindku poġġa' għall-attenzjoni tal-kunsillieri l-applikazzjoni bin-numru 125, jekk il-KLM hu interessat illi japplika għal din il-Miżura. Hawn se jiġi vverifikat jekk meta tapplika tkunx qed

tidħol f'obbligazzjoni li tiffinanzja parti minn dawn l-ispejjeż tal-proġett, peress li l-KLM ma kienx ipprovda għal dawn l-ispejjeż.

25. Il-laqgħa ntemmet fit-20.40pm u l-KLM se jiltaqa' nhar fit-22 ta' Novembru, 2011.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*22/11/2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |